# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**

**Seduta ta’ nhar il-Gimgha, 30 ta’ Marzu 2001.**

**Numru 2**

**Citaz. numru 103/90 DM**

**Raymond Camilleri u martu Grace Camilleri**

**vs**

**Avukat Dr. Michael Grech bhala mandatarju tal-assenti Margaret mart Pawlu Muscat, u b’digriet tad-29 ta’ Ottubru 1990 l-Avukat Dr. Michael Caruana gie nominat kuratur biex jirraprezenta lill-assenti Margaret mart Pawlu Muscat minflok l-Avukat Dr. Michael Grech, u l-Avukat Dr. Michael Caruana b’digriet tas-7 ta’ Mejju 1990, gie nominat kuratur biex jirraprezenta lill-assenti Saviour sive Sam, fin-negozju, u Carmel ahwa Portelli u b’nota ta’ l-4 ta’ Novembru 1993 Carmelo Portelli bhala prokuratur tal-imsiefer Salvatore Portelli nominat bi prokura generali tal-14 ta’ Settembru 1993 li biha assuma l-atti tal-istess Salvatore Portelli flok il-kuratur Dr. Michael Caruana u b’digriet tal-15 ta’ April 1996 l-atti gew trasfuzi f’isem il-P.L. Joseph Micallef bhala l-mandant ta’ l-imsiefer Jennifer De Hoeg, l-eredi ta’ Sam Portelli li miet fil-mori ta’ l-appell**

**Il-Qorti;**

**L-ATT TAC-CITAZZJONI**

L-atturi pprocedew quddiem il-Qorti ta' Ghawdex Superjuri Civili kontra l-konvenuti b'dan l-att tac-citazzjoni :-

> "Peress illi b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani tat-tnejn (2) ta' April, elf disa' mija u disghin (1990), l-atturi akkwistaw minghand terzi persuni terz indiviz (1/3) ossia id-drittijiet kollha lill-awturi tal-atturi spettanti fuq porzjon art fil-limiti tan-Nadur, Gozo, msejha "ta'Patritu" fit Triq San Blas, tal-kejl ta' cirka elf sitt mija u tlieta u tmenin metri kwadri (1683m.k.) konfinanti punent ma' Triq San Blas u ma' beni ta' Rose Portelli in parti, nofsinhar ma' beni ta' Giovanni Vella, u tramuntana u lvant ma' beni ta' Giuseppe Borg, jew is-successuri taghhom fit-titolu ; jew irjieh verjuri, soggetta ghal hamsa u ghoxrin centezmu (25c) cens annwu u perpetwu ;
>
> U peress illi b'att tan-Nutar Francesco Refalo tat tmintax ta' Lulju, elf disa' mija sitta u tletin (1936) din il-kwota indiviza mill-art kienet giet koncessa minn Graiza mart Angelo Muscat, omm il-vendituri tal-atturi, b'antikresi ghall-perijodu ta' mitejn sena lill-awturi tal-konvenut nomine u cioe' lil Rose mart Paolo Portelli, omm it-tlett persuni rapprezentanti mill-konvenut nomine, versu s-somma ta' hamsa u erbghin lira sterlina, b'dan illi l-interessi fuq din is-somma kellhom jigu pacuti mal-godiment tal-art fuq imsemmija;
>
> U peress illi in forza ta' cedola prezentata quddiem din l-Onorabbli Qorti fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' April, elf disa' mija u disghin (1990) fl-ismijiet "Raymond Camilleri et vs Margaret Muscat et" cedola numru 153/1990 l-atturi hallsu s-somma ta hamsa u erbghin lira Maltina (Lm45) dovuta bhala mutwu lill-konvenut nomine, u ghaldaqstant huma jridu illi jirriprendu l-pussess tat-terz indiviz tal-art fuq deskritta illum proprjeta' taghhom;
>
> Ghid ghalhekk inti konvenut nomine ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti, prevja okkorrendo d-dikjarazzjoni illi in forza tad-depozitu maghmul bis-sahha tac-cedola fuq imsemmija fl-ismijiet "Raymond Camilleri et vs Margaret Muscat et", cedola numru 153/1990, l-atturi gew li hallsu lura d-dejn assunt minn Grazia

Muscat illi in garanzija tieghu t-terz indiviz mill-art de quo inghata in antikresi, tiddikjara illi

1) l-antikresi fuq l-art imsejha “ta’ Patritu” fi Triq San Blas fil-limiti tan-Nadur, Gozo, tal-kejl superficjali ta’ cirka tomna u nofs, pari ghal cirka elf sitt mija u tlieta u tmenin metru kwadru (1683m.k.) u konfinanti mill-punent mat-triq u ma’ beni ta’ Rosa Portelli, minn nofsinhar ma’ beni ta’ Giovanni Vella, u tramuntana ma’ beni ta’ Giusepp Borg, u lvant ma’ beni ta’ Giusepp Borg, soggetta ghac-cens annwu u perpetwu ta’ hamsa u ghoxrin centezmu (25c) gie terminat ; u kwindi l-atturi ghandhom id-dritt jirriprendu l-pussess tal-istess terz indiviz minn din ir-raba’ hekk koncess in antikresi;

2) tawtorizza lill-atturi illi jirriprendu il-pussess tat-terz indiviz minn din ir-raba’ fuq deskritt.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tac-cedola numru 153/1990 fuq imsemmija kontra tieghek konvenut nomine, u bl-ingunzjoni tieghek ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti msejjah.

Bir-rizerva ta’ kwalunkwe azzjoni ghad-danni spettanti lill-atturi.”

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenut Dr. Michael Caruana fil-kwalita’ tieghu ta’ kuratur deputat biex jirraprezenta lill-assenti Saviour sive Sam fin-negozju u Carmel sive Charles fin-negozju, ahwa Portelli, eccepixxa illi hu ma kienx edott mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u ghalhekk irrimetta ruhu ghall-provi. Il-konvenut Dr. Michael Grech fil-kwalita’ tieghu ta’ kuratur deputat biex jirrapprezenta lill-assenti Magaret mart Pawlu Muscat eccepixxa wkoll li hu ma kienx edott mill-fatti li taw lok ghall-kawza u rrimetta ruhu ghall-provi. Fil-mori tat-trattazzjoni quddiem l-ewwel Qorti l-istess konvenut Dr. Michael Grech nomine eccepixxa ulterjorment illi l-proprjeta’ oggett tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani tat-2 ta’ April tal-1990

ma hijiex l-istess art li kienet l-oggett tal-kuntratt ta' antikresi fl-atti tan-Nutar Francesco Refalo tat-18 ta' Lulju tal-1936.

**DECIDE**

B'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri Civili tal-14 ta' Mejju 1993, il-kawza giet deciza fis-sens illi l-atturi kienu intempestivi meta hallsu d-dejn permezz tac-cedola ta' depozitu Numru 153/1990 u kienu anke intempestivi fit-talba taghhom li jidhlu fit-tgawdija tal-immobbli in kwistjoni, billi l-azzjoni minnhom intentata ma setghatx tigi ezercitata qabel it-18 ta' Lulju 2136. Ghal dawn il-motivi, dik il-Qorti cahdet it-talba tal-attrici bl-ispejjez kontra l-istess atturi.

**MOTIVAZZJONI TAS-SENTENZA APPELLATA**

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha :-

> "Fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu l-konvenut nomine ibbaza d-difiza tieghu principalment fuq il-presuppost li l-atturi qeghdin jezercitaw l-azzjoni ta' rivendika u sewwa ittratta dwar l-elementi rikjesti u r-rigorosita' tal-prova rikjesta f'azzjoni ta' din in-natura, izda, kif sewwa irrilevaw mill-ewwel l-atturi, din l-azzjoni, li fil-fatt giet ezercitata minnhom, hija assolutament distinta mill-azzjoni ta' rivendika fejn tintalab dikjarazzjoni ta' proprjeta' ta' haga irrispettivament mid-diversi cirkostanzi, kundizzjonijiet jew oneri li ghalihom il-haga tkun soggetta jew tkun tgawdi.
>
> L-azzjoni odjerna hija purament dik tal-proprjetarju li jfittex biex jezegwixxi kuntratt li jkun jinvolvi l-proprjeta' tieghu, fis-sens li l-bazi tal-azzjoni huwa l-kuntratt u mhux il-proprjeta' u eccezzjoni ta' nuqqas ta' proprjeta', jekk tigi akkolta tista' twassal biss ghan-

nuqqas ta' interess tal-attur jekk ikun biss it-titolu ta' proprjeta' li jipprovdih bl-interess legali u ma twassalx ghad-determinazzjoni definittiva tal-meritu, cioe' l-ezekuzzjoni tal-kuntratt.

Huwa opportun li f'dan ir-rigward jigi riportat il-paragrafu rilevanti (Numru 179) mill-"Manuale di Diritto Privato" (Torrente e Schlesinger), citat mill-atturi fin-nota tal-osservazzjonijiet taghhom.

> "L'azione di rivendicazione si deve distinguere dell'azione di restituzione (ad esempio per finita locazion) : la prima presuppone che colui che si afferma propietario non abbia altro titolu per pretendere la consegna del bene che non sia il fatto di esserne propietario : l'azzione di restituzione presuppone, invece, che il propietario abbia un diritto alla restituzione, nascente da un rapport contrattuale ; nell'azione di restituzione non occorre la prova del diritto di proprieta', ma basta quella del rapporto obbligatorio da cui deriva l'obbligo di restituzione."

Fil-kaz in ezami, l-atturi ppruvaw ampjament, bid-dokumentazzjoni preciza ghar-rigward tar-ricerki essenzjali in materja, li huma s-successuri ta' Grazia, mart Angelo Muscat, fil-proprjeta' tat-terz indiviz mill-bicca raba' imsejha "Ta' Patritu", fi Triq San Blas, Nadur, kif koncessa in antikresi lil Rosa, mart Paolo Portelli, ghall-perijodu ta' 200 sena mit-18 ta' Lulju 1936, id-data tal-att relattiv, u ghalhekk huma intitolati li jezercitaw id-drittijiet kollha gia' spettanti lil Grazia Muscat rigward ir-raba' akkwistata minnhom.

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-antikresi kienet ghadha operanti kemm meta sar id-depositu tad-debitu favur il-kredituri kif ukoll meta giet ippresentata c-citazzjoni, billi l-konvenuti, sa dan iz-zmien, kienu ghadhom ma insinwawx l-att pubbliku relattiv biex l-antikresi tintemm u titqies li hi bejgh ghat-tenur tal-Artikolu 1987 tal-Kap. 16.

Pero' fl-att kostituv tat-18 ta' Lulju 1936 kien gie pattwit hekk :-

> "Resta espressament convenuto che detta Grazia Muscat non possa estinguere detta somma e non possa riprendere detto terzo indiviso di detto stabile prima dello spirare di detti anni due cento contabili da oggi."

Ghaldaqstant l-atturi kienu intempestivi meta hallsu d-dejn permezz tac-cedola ta' depozitu numru 153/1990 u kienu anke intempestivi fit-talba taghhom li jidhlu fit-tgawdija tal-immobbli in

> kwistjoni, billi l-azzjoni minnhom intentata ma setghetx tigi ezercitata qabel it-18 ta' Lulju 2136."

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

Minn din is-sentenza appellaw biss l-atturi. Il-konvenuti nomine m'appellawx, Dan qed jinghad ghaliex mill-korp tas-sentenza jirrizulta illi l-ewwel Qorti kienet sodisfatta mill-identita' tal-proprjeta' mertu tal-kawza u allura cahdet l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenut Dr. Michael Grech nomine illi din ma kienitx l-istess art li kienet l-oggett tal-kuntratt ta' antikresi taht ezami. L-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni illi "l-atturi huma intitolati li jezercitaw id-drittijiet kollha li gia spettanti li Grazia Muscat rigward ir-raba' akkwistata minnhom." Kull kwistjoni fir-rigward tal-identita' tal-proprjeta' kellha allura titqies li giet definittivament deciza u din il-Qorti kien jinhtigilha allura biss tinvestiga t-talbiet attrici u jekk dawn kienux jew le sostenibbli fil-ligi. Dana b'mod oggettiv in kwantu, skartata l-eccezzjoni ulterjuri u allura skartata d-difiza principali tal-kuraturi nomine bazata principalment fuq il-presuppost illi l-attur kienu qeghdin jezercitaw l-azzjoni ta' rivendika, l-eccezzjonijiet li jibqa' huma biss dawk formali ta' kuraturi deputati biex jirrapprezentaw assenti li ma kienux edotti mill-fatti.

It-talba tal-atturi hi fis-sens li l-Qorti tiddikjara illi antikresi fuq il-porzjoni indiviza tal-art mertu tal-kawza, akkwistata minnhom fil-kuntratt tat-2 ta' April 1990, kien gie terminat bhala konsegwenza tac-cedola tad-

depozitu maghmula fir-Registru tal-Qorti assaldu tad-debitu gravanti l-fond. Konsegwentement l-istess atturi kellhom id-dritt jirriprendu l-pussess ta' dan is-sehem indiviz tar-raba' gja' koncess in anticresi.

Il-fatti krucjali li jiddeterminaw il-vertenza huma s-segwenti :-

1. Ii sar kuntratt ta' antikresi in atti Nutar Francesco Refalo tat-18 ta' Lulju 1936, li fih gie pattwit illi "Resta espressamente convenuto che detta Grazia Muscat (id-debitrici) non possa estinuere detta somma, non possa riprendere detto terzo indivizo di detto stabile prima dello spirare di detti anni due cento contabili di oggi". Dan ifisser li l-hlas tad-dejn u allura l-estinzjoni tal-antikresi seta' jsir biss mis-sena 2136 'il quddiem.

2. Permezz ta' kuntratt datat 2 ta' April 1990, din il-proprjeta' indiviza moghtija in anticresi giet akkwistata b'titolu oneruz mill-atturi minghand il-werrieta tad-debitur antikretiku.

3. Wara illi sar dan il-kuntratt l-atturi appellanti pprocedew gudizzjarjament biex jirriprendu l-pussess tal-proprjeta' minnhom akkwistata bil-prezenti istanza.

4. Kien biss fil-mori ta' dawn il-proceduri li l-kreditur antikretiku kif rapprezentat mill-konvenut nomine li insinwa l-att pubbliku ta' antikresi bhala trasferiment b'titolu ta' bejgh. Kjarament il-konvenut nomine

qieghed jippretendi illi bhala konsegwenza ta' din l-iskrizzjoni ipoketarja hu kien qieghed jinvoka l-applikazzjoni tas-sub incizi 3 u 4 tal-artikolu 1987 tal-Kodici Civili. Dawn jistipulaw hekk :-

(3) Antikresi li saret b'att pubbliku qabel it-28 ta' Frar 1961 ghal zmien ta' iktar minn tletin sena (kif hu l-kaz taht ezami) titqies li hi bejgh kemm-il darba l-imsemmi att pubbliku jigi insinwat fir-Registru Pubbliku bhala trasferiment b'titolu ta' bejgh.

(4) L-insinwa imsemmija fis-sub artikolu 3 ta' dan l-artikolu tista' ssir f'kull zmien mill-kreditur jew min kull min jikseb il-jedd minghand il-kreditur (F'dan il-kaz saret mis-successur tal-kreditur antikretiku).

Il-Qorti kellha allura qabel xejn tezamina zewg kweziti :- l-ewwel x'kien l-effett tal-akkwist tal-proprjeta' mill-atturi bil-kuntratt tat-2 ta' April 1990 in kwantu dawn ma kienux partijiet fil-kuntratt ta' antikresi u t-tieni jekk una volta l-art, oggett tal-antikresi, kienet giet hekk trasferita lill-atturi, setghax il-kreditur antikretiku jinsinwa dik l-antikresi bhala trasferiment b'titolu ta' bejgh u jekk iva x'effett ikollu dan il-fatt fuq it-titolu tal-attur.

Din il-Qorti ma tistax taqbel mal-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Dan ghaliex jidher li injorat il-fatt illi bhala konsegwenza tat-trasferiment tal-fond, oggett tal-antikresi, mid-debitur antikretiku lit-terz u cioe' lill-atturi, l-antikresi giet estinta. Dana kif hu ben assodat mill-gurisprudenza nostrana. “A giudizio del Corte vi e'

luogo ad adottare l'opinione del Troplong, che l'anticresi, coll'alienazione del fondo viene a cessare quando il creditore non avesse imposto al compratore l'obbligo di rispettarla" (Volum. X pg 646). "Hija gjurisprudenza llum assodata illi l-antikresi ma taghtix dritt reali lill-kreditur antikretiku imma drittijiet purament personali illi jesplikaw l-effikacja taghhom biss bejn kreditur u debitur. Inoltre malli l-fond li fuqu l-antekrista jkun qieghed jezercita d-drittijiet tieghu, jigi aljenat lil terzi persuni, a meno che ma jigix stipulat espressament il-patt illi l-kompratur ghandu jirrispetta l-antikresi, dina tispicca u l-kompratur ma jkollu ebda obbligu li jirrispettaha" (Giuseppe Buttigieg vs Michele Sciberras et, deciza mill-Qorti ta' Ghawdex Superjuri Civili fid-19 ta' Lulju 1949).

Jigi notat illi fil-kuntratt tat-2 ta' April 1990 li bih l-atturi akkwistaw il-fond de quo gie espressament stipulat il-kontra u cioe' "ghal kull buon fini jigi dikjarat illi l-kompraturi mhumiex qeghdin jigu tenuti illi jirrispettaw il-koncessjoni antikretika fuq imsemmija u ghalhekk qeghdin jinghataw kull dritt illi jipprocedu fid-dritt gudizzjarjament kontra t-terzi possessuri ghall-izgumbrament taghhom minn din ir-raba". Dan l-insenjament baqa' jigi segwit minn dawn il-Qrati anke wara li gew introdotti l-emendi tal-1981 ghall-artikolu 1987 tal-Kodici Civili li bihom gew introdotti s-sub incizi 3 u 4 fuq citati. Ara f'dan il-kontest inter alia s-sentenza ta' din il-Qorti tat-3 ta' Novembru 1996 fl-ismijiet Joseph Tabone et vs George Camilleri et (Volum LXX.ii.216) li fiha hemm gabra ta' gjurisprudenza illi

tirribadixxi proprju dan l-insenjament u li huwa kollu applikabbli ghall-kaz taht ezami.

Il-gjurisprudenza giet ukoll segwita minn din il-Qorti f'sentenza ohra taghha tad-9 ta' Marzu 1992 fl-ismijiet George Farrugia et vs Antonia armla Formosa et (LXXVI.ii.225) li fiha l-Qorti wara li rribadiet li l-kreditur antikretiku ma jakkwistax dritt rejali fuq l-immobbli izda biss id-dritt personali li ssemmi l-istess ligi izzid tghid :- "Konsegwentement id-debitur jibqa' proprjetarju tal-immobbli u anke jista' jiddisponi minnu billi jittrasferih lil terzi. Id-dritt personali tal-kreditur ma joperax fil-konfront tat-terz li jixtri l-fond minghand id-debitur antikretiku u l-effetti tal-antikresi bhala ftehim specifiku jispiccaw u ma jibqghux japplikaw fil-konfront tal-kompratur". Dan l-insenjament kompla gie segwit minn din il-Qorti stess b'sentenza ohra moghtija llum fil-kawza fl-ismijiet "Toni Sciberras vs Luigi Sciberras (Citazz. Numru 21/70).

Din il-Qorti allura fl-iskorta ta' din il-gjurisprudenza tasal ghall-konvinciment illi, pubblikat il-kuntratt tal-komprovendita li bih l-atturi akkwistaw b'titolu oneruz l-fond oggett ta' l-antikressi, hi kellha necessarjament tasal ghall-konkluzjoni illi l-effetti tal-antikresi bhala ftehim specifiku kienu spiccaw in kwantu d-dritt personali tal-kreditur ma kienx jopera fil-konfront tat-terz u cioe' fil-konfront tal-atturi kompraturi. Jibqa' biss x'jigi konsiderat jekk il-konvenut nomine setghax jakkampa xi jedd mill-iskrizzjoni ipotekarja li huwa ghamel fil-mori ta' dawn il-

proceduri fir-Registru Pubbliku li biha insinwa bhala trasferiment b'titolu ta' bejgh il-fond gja' oggett ta' antikresi. Hu minnu illi l-emendi tal-1981 li bihom gewientrodotti s-sub incizi 3 u 4 ghall-artikolu 1987 fuq citati biddlu radikament in-natura tal-jeddijiet tal-kreditur antikretiku fuq il-fond li fuqu kien akkwista l-jedd li jdahhal il-frottijiet tad-debitur tieghu.

Hu gust li jinghad illi ghal dawk il-kuntratti ta' antikresi li jikkwalifikaw taht is-sub inciz 3, il-jedd tal-kreditur antikretiku ma baqax in persona imma sar ukoll in rem in kwantu hu kellu d-dritt illi jikkonverti t-titolu ta' antikresi f'wiehed ta' proprjeta' daqs li kieku kien xtrah ghaliex l-antikresi f'dak il-kaz kellha titqies li kienet bejgh. Dan pero' mhux qabel u sakemm l-att pubbliku li bih ikun gie kkrejat l-antikresi jigi insinwat "bhala trasferiment b'titolu ta' bejgh". Dan necessarjament ifisser illi l-kreditur antikretiku m'ghandu l-ebda titolu ta' din ix-xorta qabel ma jaghmel l-iskrizzjoni ipotekarja ; illi biex il-kreditur antikretiku seta' jaghmel tali insinwa l-fond kellu necessarjament ikun ghadu l-oggett tal-antikresi. Dan ifisser li seta' jaghmel iskrizzjoni biss se e quante volte l-antikresi tkun ghadha vigenti u ma tkunx giet estinta. It-tibdil fin-natura tal-kuntratt ta' antikresi maghmula bl-emendi tal-1981 bl-ebda mod ma affettwa l-elementi kostituttivi tal-kuntratt anke fejn dan kien jikkwalifika taht is-sub inciz 3 tal-artikolu 1987 sakemm ma tkunx saret l-iskrizzjoni ipoketarja kontemplata f'dak is-sub inciz.

L-insenjament ta' dawn il-Qrati fir-rigward tan-natura tal-kuntratt ta' antikresi kif minn dejjem segwita kellha allura tapplika anke fir-rigward ta' dawk il-kuntratti setghu jigu insinwati bhala trasferiment b'titolu ta' bejgh imma li ma jkunux ghadhom hekk gew iskritti, "Din il-Qorti hasbet fit-tul biex tara dak li ssottomettew l-appellanti setghax b'xi mod jinduciha tvarja l-gjurisprudenza citata li huma stess jammettu li tezisti u li effettivament f'certi kazijiet tista' titqies bhala li tista' tiffacilita certi abbuzi li mbaghad il-legislatur ipprova jelimina bl-emenda tal-1981. Izda hu ovvju li dawk l-emendi ma jistghux jigu interpretati bhala li jirravikaw antiressijiet diga' kienu spiccaw kawza ta' trasferiment da parti tad-debitur. Dak li kien lahaq sar, kien sar u l-ligi l-gdida logikament kienet tapplika biss ghal dawk l-antikressijiet li kienu ghadhom vigenti li mhux il-kaz prezenti" (LXXVI.i.225" gja' citata". Fil-kaz prezenti wkoll, anke jekk l-akkwist da parti tal-atturi kien sar wara li gew fis-sehh l-emendi tal-1981, xorta kien sar qabel ma saret l-iskrizzjoni ipotekarja da parti tal-kreditur antikretiku. Iskrizzjoni li allura meta saret ma kellha l-ebda effett u validita' fil-ligi in kwantu l-fond de quo ma kienx ghadu l-oggett tal-antikresi. Dana anke ghaliex l-emendi tal-1981 bl-ebda mod ma kienu jivvjetaw lid-debitur antikretiku milli jaljena l-proprjeta' milquta lill-antikresi lil terzi. L-appell jimmerita allura li jigi sostnut.

Ghal dawn il-motivi, s-sentenza appellata qed tigi revokata u l-appell milqugh. Konsegwentement din il-Qorti tilqa' t-talbiet tal-atturi

appellanti kif dedotti. L-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellati, b'dan pero' illi l-appellanti kellhom fl-ewwel lok jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez tal-kuraturi deputati.

Dep/Reg

mg